



Brussell, 22 ta' Awwissu 2025  
(OR. en)

12108/25

SOC 566  
EMPL 380  
SAN 508

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Portugall

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija  
tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Portugall**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2023<sup>2</sup>, il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Nelson FERREIRA sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-gvern tal-Portugall ħatar kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 19).

*Artikolu 1*

Is-Sur Carlos NUNES huwa maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Nelson FERREIRA għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---